MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 2379/1996/1

**Joseph u Rose mizzewgin Farrugia**

**v.**

**Carmel u Irene mizzewgin Borg**

**Il-Qorti:**

**I. IC-CITAZZJONI**

1. B'att ta' citazzjoni prezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-atturi ppremettew li l-kontendenti jippossiedu fondi adjacenti fi Swieqi, u li l-konvenuti ikkommettew

spoll privileggjat u recenti ghad-danni taghhom billi klandestinament u vjolentement ghamlu xogholijiet fuq *waste pipe* tas-sink u tal-*washing machine* taghhom li minhabba fihom ma jistghux ikomplu juzaw il-*washing machine* u s-sink li l-ilma taghhom imur f'dak il-*waste pipe*. Premess dan kollu, l-atturi talbu li dik il-Qorti:-

"(1) tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll privileggjat u recenti b'dannu ta' l-istanti;

"(2) tikkundanna lill-konvenuti biex jaghmlu x-xoghol neccessarju biex l-istanti jigu ripristinati fil-pussess taghhom fuq imsemmi, u dan f'terminu qasir u perentorju li jigi ffissat u taht id-direzzjoni ta' perit tekniku li jigi ghaldaqshekk nominat; u

"(3) tawtorizza lill-istanti li fin-nuqqas jaghmlu huma l-istess xoghol taht id-direzzjoni ta' l-istess perit tekniku u ghas-spejjez tal-konvenuti; b'riserva ta' kull azzjoni ohra; bl-imghax legali u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tal-lum, kontra l-konvenuti."

## II. L-ECCEZZJONI

2. Il-konvenuti kkontestaw il-kawza b'din l-eccezzjoni:

"Illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma kkommettew l-ebda spoll, kif qed jigi allegat. Ix-xogholijiet li saru kienu in konsegwenza ta' decizjoni tal-Qorti."

## III. IS-SENTENZA APPELLATA

3. L-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ippronunzjat is-sentenza taghha fit-22 ta' Gunju 2001. Kopja ta' din is-sentenza qeghdha tigi annessa bhala Appendici biex tifforma parti integrali minn din is-sentenza. B'din is-sentenza dik il-Qorti ddecidiet li kien jidhrilha li t-talbiet attrici ma gewx sufficjentement ippruvati u konsegwentement gew michuda. Dwar il-kap ta' l-ispejjez dik il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

"Fir-rigward ta' l-ispejjez tal-kawza l-Qorti jidhrilha li sew minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, sew in vista tal-punti ta' dritt involuti l-ispejjez ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet."

**IV. L-APPELL**

4. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors ipprezentat fl-4 ta' Lulju 2001 li bih, ghar-ragunijiet esposti minnhom, talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet taghhom – bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti appellati.

5. Il-konvenuti opponew l-appell fil-meritu fuq il-motivi spjegati minnhom fir-risposta ta' l-appell ipprezentata fit-12 ta' Lulju 2001. Inoltre, fl-istess risposta huma ntavolaw **appell incidentali** b'dan il-mod:
"L-esponenti jixtiequ 'in finis' jipprevalixxu ruhhom mill-Appell interpost biex jintavolaw appell incidentali in kwantu ghal mod ta' l-ispartizzjoni tal-kap ta' l-ispejjez. Konsiderati l-fattispecje tal-kaz, ma kienx konsentit illi l-appellanti (sic) qua parti proceduralment vincitrici, kellha tigi akkollata parti mill-ispejjez tal-kawza."

Ghalhekk, il-konvenuti appellati talbu li l-appell interpost mill-atturi jigi michud u li din il-Qorti joghogobha tilqa' l-appell incidentali taghhom dwar il-kap ta' l-ispejjez billi tehlishom minnhom u f'dan is-sens talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**V. KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

6. Irrizulta li sitt (6) ijiem wara li l-atturi appellanti gew notifikati bl-appuntament ta' dana l-appell, huma ghazlu li jcedu l-appell taghhom. Infatti a fol 189 hemm in-nota taghhom, ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti, li biha cedew l-appell taghhom. Konsegwentement il-meritu propriju ta' l-appell illum jinsab ezawrit stante cessjoni.

7. Jibqa' li jigi konsidrat l-appell incidentali tal-konvenuti appellati. Bih qieghdin jitolbu li s-sentenza appellata li ikkundannathom ihallsu nofs l-ispejjez tal-kawza tigi riformata billi din il-Qorti joghgobha tehlishom milli jhallsu dawn l-ispejjez. Qeghdin isostnu li huma ma kellhomx jigu akkollati bi hlas ta' nofs l-ispejjez la darba it-tezi taghhom rebhet.

8. Ma’ dan l-uniku aggravju taghhom huma ma ziedu l-ebda sottomissjoni orali fl-udjenza fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza. Allura jidher li huma irrimettew ruhhom ghall-atti akkwiziti fil-process.

9. Din il-Qorti ezaminat dawn l-atti u ma jidhrilhiex li l-kaz jimmerita li l-fatti jigu rapportati mill-gdid hawn. Tillimita ruhha li tosserva li hija haga ta’ perplessita` kbira kif kwistjoni pjuttost semplici bejn zewg girien, li originat minn xi difetti fi *drain pipe* komuni thalliet tikber u tiskala sproporzjament, tant li skattaw numri ta’ kawzi ta’ natura kriminali u civili bejn il-kontendenti li jidher li mexxewhom b’akkaniment kbir.

10. Inholoq inkwiet, mifrux fuq numru ta’ snin, bejn il-kontendenti. Jidher li dawn ghalqu ghajnejhom ghall-kumulu ta’ spejjez konsegwenzjali li kienu qeghdin jikkawzaw u li setghu jigu evitati li kieku huma imxew b’certu sens komun jew b’osservanza tar-regoli dettati mill-bon vicinat u minn dawk li jirregolaw il-komunanza ta’ proprjeta`.

11. L-appellati qeghdin isostnu li huma ma jmisshomx gew ikkundannati jhallsu nofs l-ispejjez, gia` la darba t-tezi taghhom rebhet. Huwa veru li hija regola tal-procedura gjudizzjarja li l-parti sokkombenti normalment tbati l-ispejjez tal-kawza. Pero`, il-ligi stess taghti lill-Qrati d-diskrezzjoni li jottemperaw ir-rigur ta’ din ir-regola meta jkun hemm raguni tajba biex hekk isir.

12. L-Artikolu 223 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proceduri Civili jiddisponi kif ghandhom ikunu regolati l-ispejjez tal-kawzi. L-ewwel subartikolu jistabilixxi ir-regola generali.
“Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez”

Pero`, it-tielet subartikolu jikkonferixxi fuq il-Qrati s-setgha li, fil-kazijiet menteroli u kongruwi, ivarjaw l-effetti ta’ din id-disposizzjoni generali:
“Fil-kazijiet kollha, il-Qorti tista’ tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-

telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra."

13. L-ewwel Qorti, evidentement ghamlet uzu mis-setgha moghtija lilha mill-imsemmi subartikolu (3) ta' l-Artikolu 223 meta ordnat li l-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet. Ghamlet hekk ghaliex hekk kien jixraq:-
"Sew minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kazi, sew in vista tal-punti ta' dritt involuti".

L-ewwel Qorti ma tatx aktar spjegazzjonijiet, pero`, din l-istqarrija ghamlitha fl-ahhar nett tas-sentenza motivata taghha u ghalhekk ftit li xejn kien hemm bzonn ta' aktar spjegazzjojijiet ghaliex dawn kienu inerenti ghall-istess sentenza.

14. Hija regola li din il-Qorti ta' revizjoni li hija ma tiddisturbax kwalunkwe diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti ta' l-ewwel istanza jekk mhux ghal raguni gravi u biex tevita ingustizzja.

15. Fil-kaz odjern, din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-Qorti ghamlet xi ingustizzja meta akkollat nofs l-ispejjez lill-konvenuti, nonostante li ma laqghetx it-talbiet ta' l-atturi. Din il-Qorti lanqas ma jidhrilha li ghandha tiddilunga hafna fuq din il-kwistjoni u b'hekk tispicca timita, *nolens volens*, il-hela ta' hin u l-isprekar ta' rizorsi li sfortunatament adottaw il-partijiet fir-rizoluzjoni tal-vertenza li kellhom bejniethom. Ikun bizzejjed li din il-Qorti tikkummenta li jidher car minn ezami akkurat tal-provi akkwiziti fil-process li l-konvenuti naqsu milli jiggestixxu din il-kwistjoni b'mod ekwilibrat. Minflok jidher car li l-konvenuti ikkontribwew b'mizura konsiderevoli ghat-tkabbir u eskalar bla bzonn ta' kwistjoni li originarjament kienet ta' natura pjuttost semplici. Ghalhekk kien ekwu u gust li l-konvenuti jkunu akkollati b'nofs l-ispejjez nonostante li t-tezi attrici ma ikkonvincietx lill-Ewwel Qorti. Konsegwentament l-appell incidentali ma hux gustifikat u sejjer jigi rigettat.

16. Ghal dawn il-motivi:
a. tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell principali ta' l-atturi, li gie minnhom cedut b'nota

ipprezentata fir-registru ta’ din il-Qorti fid-19 ta’ Jannar 2004;

b. tordna li l-ispejjez kollha relattivi ghall-dana l-appell interpost mill-atturi appellanti jigu sopportati mill-istess atturi appellanti; u

c. tichad l-appell incidentali tal-konvenuti u tordna li l-ispejjez relattivi kollha jkunu sopportati mill-istess konvenuti appellati.

Deputat Registratur
df

**<u>Appendici</u>**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Gunju 2001 qieghdha tigi annessa ma’ din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------